MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**REFALO JOSEPH S.**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2363/2002

**Andrea u Rita konjugi Callus**
**vs**

**Sabina Simone Grima**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fis-27 ta' Settembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u sebgha u erbghin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm147.71) hlas ta' danni mgarrba mill-atturi (Dok.P), u fejn intalab li l-konvenut jigi dikjarat li kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh f'Birkirkara fis-26 ta' Lulju, 2002, bejn il-vettura Nissan numru FAS-518 misjuqa mill-attur u l-vettura Peugeot numru PSS-002 misjuqa mill-konvenuta;**
**Bl-ispejjez komprizi hdax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm11.50) ta' konsult u ittra, dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104 u l-ispejjez ta' dana l-avviz u bl-imghax minn notifika ta'**

**dana l-avviz kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota prezentata mill-atturi fil-25 t’Ottubru, 2002, li biha cedew is-sorte pero` zammew ferm il-kap ta’ l-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri, komprizi dawk ta’ ittra legali u ta’ l-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104, pero` eskluzi l-hdax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm11.50) tal-konsult u dana skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**